# L-“ISPIJA” TA’ SANTA TEREZA MINN AVILA

Santa Tereza minn Avila spiss kienet tmur minn post ghal iehor biex twaqqaf kunventi godda jew taghmel zjajjar lil



ohrajn qodma li kienet diga’ waqqfet fi Spanja.

B’dan il-giri kollu kellha bzonn tkun infurmata x’kien qed jigri f’kull kunvent fl-assenza taghha.

Il-fiducja taghha f’San Guzeppi kienet hekk kbira li f’kull kunvent kienet tqieghed xbieha tieghu u titolbu biex jiehu hsiebhom waqt li hija ma kienitx tkun prezenti.

U San Guzepp kien jisma’ minnha. Imma mhux bil-mod li hafna jistghu jahsbu li kien jaghmel. Meta Santa Tereza kienet tirritorna lura f’kull kunvent hija kienet tmur quddiem San Guzepp u

minghandu tisma’ fedelment dak kollu li s-sorijiet kien ghamlu fl-assenza taghha mill-kunvent.

Kienet tinqeda b’dak kollu li kien jghidilha San Guzepp biex tikkoregi lis-sorijiet ghad-difetti taghhom li jkun ikkommettew meta hija ma kienitx fosthom.

Kienu jibqghu mistghagba s-sorijiet kif Santa Tereza kien tkun taf kollox. Imma ma damux wisq ma skoprew is-sigriet. Kien San Guzepp. B’rizultat ta’ hekk is-sorijiet bdew isejhu lil San Guzepp “el Parlero” li tfisser l-“Ispeaker”.

*“Ghandi esperjenza kbira fuq l-influwenza ta’ San Guzepp quddiem Alla.  Nixtieq nirrakomanda d-devozzjoni lejh. Kull devot tieghu li onorah mill-qalb dejjem mexa’ ‘l quddiem fil-virtu’ u l-hajja nisranija.”*

*Santa Tereza minn Avila.*